MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 177/2014

**Twin Deal Ltd (C 32755)**

**vs**

**Bruno Tucci f'ismu proprju u ghan-nom ta' Genergia Ltd (C50356)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar is-16 ta' Mejju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' ghaxart

elef, seba' mija, sitta u hamsin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€10,756.43) liema ammont huwa dovut b'rifuzjoni peress li naqas milli jissuplixxi l-merkanzija ordnata mill-attur, li hallas tal-merkanzija bil-quddiem.

Bl-ispejjez u bl-imghax mis-sbatax (17) ta' Jannar 2014 kontra tieghu u minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Bruno Tucci f'ismu proprju u ghan-nom ta' Genergia Limited li giet ipprezentata fil-15 ta' Settembru 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Illi l-eccipjent f'ismu proprju m'huwiex il-legittimu kuntradittur tat-talbiet attrici.*
2. *Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija improponibbli stante li ma jezistux l-elementi ta' l-actio indebiti solutio.*
3. *Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija improponibbli stante li r-rimedju tar-rifuzjoni tal-flus ma hux konsentit mil-ligi fic-cirkostanzi prospettati fl-avviz promotur.*
4. *Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-attrici m'ghandhiex dritt titlob il-hlas lura ta' prezz imhallas abbazi ta' kuntratt ta' bejgh perfett, validu u veljanti.*
5. *Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, billi l-attrici effettivament hadet pussess tal-merkanzija mibjugha lilha mill-eccipjenti Genergia Limited, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
6. *Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti taghha fi proceduri gudizzjarji."*

**Jason Bezzina** ghan-nom tas-socjeta' attrici xehed fis-17 ta' Settembru 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' attrici. Huwa spjega li kellu bzonn numru ta' magni sabiex jissuplixxi klijent tieghu hawn Malta u ghalhekk kien qabbad lill-konvenut sabiex igiblu dawn il-magni u tah kwotazzjoni. Wara li ghadda l-kwotazzjoni lill-klijent, il-klijent accettaha u qallu biex jaghmel id-delivery fi zmien gimghatejn jew tliet gimghat minn meta ssir l-ordni. In segwitu x-xhud ordna x-xoghol. Appena ordna x-xoghol, ix-xhud ghadda pagament lill-konvenut ghalhekk l-ordni saret minn naha tieghu. Ghalhekk huwa ghadda cekk fl-ammont ta' ghaxart elef, seba' mija u sitta u hamsin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€10,756.43) lill-konvenut Bruno Tucci fis-17 ta' Jannar, 2014 liema kopja ta' dan ic-cekk jinsab inserit fl-atti mmarkat bhala Dokument A a fol 3. Din is-somma tirraprezenta l-ammont kollu nkluz it-trasport.

Ix-xhud iddikjara li dan ix-xoghol ma wasallux. Huwa ghalhekk ikkomunika mas-Sur Tucci l-konvenut u huwa qallu li dalwaqt kien se jkun ghandu. Din il-konversazzjoni giet ripetuta diversi drabi tul perjodu ta' tliet xhur. Huwa tenna li l-klijent tieghu huwa ST Microelectronics u filfatt huma stess bdew jippruvaw jikkomunikaw mal-konvenut u lilhom ukoll qalilhom li dalwaqt kienet se tasal il-konsenja. ST Microelectronics qalulu li jekk imorrulu l-*heat exchanges* li

huma kellhom huwa kien se jinzamm responsabbli tal-fabbrika wieqfa. Ix-xhud ghalhekk rega’ kkomunika ma’ Bruno Tucci sabiex jghaggel il-process u f’Mejju ddecieda li jwaqqaf l-ordni li kien ghamel ma’ Bruno Tucci u naturalment talab rimbors tal-flejjes li kien ghamel. Ix-xhud qabel ma kkancella l-ordni filfatt avzah illi jekk huwa ma kienx se jgiblu din il-merkanzija fi zmien gimgha kien se jwaqqaf l-ordni. Ghalhekk ikkancella din l-ordni u ordna dirett mis-*supplier* u fi zmien gimgha waslitlu l-merkanzija in kwistjoni pero’ l-flus huwa ma hadhomx lura minghand il-konvenut Bruno Tucci u ghalhekk huwa ghamel din il-kawza sabiex jiehu lura din is-somma flus.

Ix-xhud stqarr illi meta wasal ix-xoghol huwa qala’ l-labels li kien hemm fuq il-merkanzija u ezatt wara l-label tieghu kien hemm l-indirizz ta’ Bruno Tucci. Huwa ghalhekk cempel lis-supplier u staqsieh biex jaghtih spjegazzjoni ta’ din u qallu li dawn kienu gew ordnati minn Bruno Tucci u Bruno Tucci ma hallsux u ghalhekk ma setghax jirrilisja din l-istess merkanzija. Huwa sostna li ghandu l-borza b’ismu u b’isem is-socjeta’ konvenuta. Huwa prometta li jesebixxi dawn id-dokumenti fis-seduta sussegwenti. Huwa ghamel referenza wkoll ghad-dokument C esebit fl-atti a fol 5 u 6 li huma *exchange* ta’ emails bejn ix-xhud u s-socjeta’ barranija minghand min xtraw il-konsenja in kwistjoni. Is-Sur Tucci dejjem qalilhom li l-konsenja kellha tasal. Qatt ma qalilhom li effettivament huwa qatt ma kien ghamel hlas minkejja li huma kienu hallsuh *upfront* u effettivament ikkonferma wkoll illi c-cekk in kwistjoni kien issarraf ftit minuti wara li harguh. Mistoqsi ma’ min huwa ghamel in-negozju in kwistjoni wiegeb li huwa ghamlu ma’ Bruno Tucci f’isem is-socjeta’ Genergia Limited. Mistoqsi kif waslu ghas-supplier wiegeb illi meta’ huwa semma l-*brand name* ma’ kumpanija ohra awtomatikament iddirigewh ghas-supplier in kwistjoni. Mistoqsi min effettivament hija l-kumpanija Aretrop Limited wiegeb li din hija kumpanija li tinsab Malta li huwa kien qabbad sabiex tara min kienet il-

kumpanija barra min Malta ma’ min kellu jaghmel ordni. Dan ghax l-ST Microelectronics kienu qeghdin jippretendu li jircievu l-istess *brand* tal-ordni li kien ghamel originarjament. Lil Bruno Tucci kien kellmu huwa ghan-nom tas-socjeta’ attrici u n-negozjati ma’ Bruno Tucci saru minnu stess. Ix-xhud ma jafx jekk effettivament kienx hemm xi rapprezentanti ohra tas-socjeta’ attrici li effettivament tkellem mal-konvenut.

**Santo Portera** xehed bil-lingwa Ingliza nhar it-22 ta’ Ottubru 2012 fejn iddikjara li huwa ghandu l-kariga ta’ *managing director* fis-socjeta’ Aretrop Limited. Huwa jiftakar li fit-22 ta’ April 2014 huwa kien ircieva talba minghand Jason Bezzina ghan-nom ta’ Twin Deal Limited biex jghinu jiccekja fuq zewg heat exchangers. Bezzina kien baghtlu email liema email giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok SP. Sussegwentement huwa fittex fuq l-Internet u sab kumpanija jisimha Techno System gewwa l-Italja u ghalhekk talabhom kemm jiswew dawn il-parts. Dan kien nhar il-25 ta’ April 2014. Huwa esebixxa dokument ta’ din il-korrispondenza li l-Qorti mmarkat bhala Dok. SP1.

Ix-xhud tenna li Mr. Bezzina baghtlu reminder u huwa wiegbu li qed jistenna l-quotation minn Techno System l-Italja. Mr Bezzina wiegbu li dan kien ezatt li kellu bzonn. Ix-xhud esebixxa kopja tal-email li giet immarkata bhala Dokument SP2. Sussegwentement ix-xhud ghadda l-ordni lil Techno System u talab aktar informazzjoni fuq trasport u affarijiet simili. L-ordni giet konfermata fit-28 ta’ April 2014 u gie mitlub biex jaghmel il-pagament bil-quddiem. Huwa esebixxa kopja tad-dokumentazzjoni relattiva li giet immarkata bhala Dokument SP3. Ix-xhud staqsa lis-socjeta’ Taljana kemm iddum biex tasal id-*delivery* u wiegeb fi zmien tlett ijiem mid-data tal-pagament. Huwa esebixxa kopja tal-email li giet immarkata bhala Dok. SP4. Huwa ghamel il-pagament u ta struzzjonijiet lil

*forward agents* tieghu biex imorru u jigbru l-konsenja. Il-pagament wasal ghand is-suppliers fil-5 ta' Mejju 2014 u tawh il-clearance biex imur jigbor il-merkanzija li ordna. Il-merkanzija waslet Malta fit-12 ta' Mejju 2014.

Sussegwentement huwa rcieva telefonata minghand Twin Deal fejn gie nfurmat li fuq il-pakkett hemm indirizz iehor taht il-label li kienet indirizzata lilhom. Ix-xhud stqarr illi ma jaf xejn fuq dan. Huwa kien ta struzzjonijiet lill-*forwarders* tieghu biex jigbru l-merkanzija u jaghtuha direttament lill-klijent tieghu.

**Mario Bezzina** xehed fit-22 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li huwa jahdem mas-socjeta'attrici Twin Deal Limited u xoghlu huwa sabiex jiehu hsieb li jaghmel ordni u jaghmel *checking* biex jara li l-ordni tkun giet konsenjata. Huwa jiftakar illi f'Jannar tas-sena 2014 huma kienu ghamlu komuniki ma' Bruno Tucci sabiex jaghtihom *quotation* ghal zewg *heat exchangers* li hu stess kien jaf li kienu ghal kumpanija ST Microelectronics u naturalment ghamluhielu cara illi dan huwa klijent kbir taghhom u kellhom ghalhekk izommu l-granet tal-konsenja. Huwa tenna li appena gew moghtija l-*quotation,* suppost id-*delivery period* kien ta' erbatax-il jum u ghalhekk ghamlu komunika lil din il-persuna cioe' ma' Bruno Tucci u ghaddewlu l-flus ghal din l-ordni. Huwa kien mar ghac-cekk, liema cekk effettivament kien gie msarraf u c-cekk kien fl-ammont ta' €10,756.43. Dan ic-cekk huwa effettivament esebit fl-atti u huwa ffirmat minnu a fol 3 tal-process.

Ix-xhud spjega li z-zmien beda ghaddej u minn zmien ghal zmien kien icempillu u jsaqsieh fiex waslet il-konsenja taghhom u l-konvenut dejjem kien iwahhal fil-kumpanija ta' barra u kien jaghtih hafna skuzi ghax effettivament l-ordni tieghu

ma kienitx giet konsenjata. Huwa esebixxa zewg emails mibghuta lilu li huma skambji ta’ emails li ghaddiet bejn is-segretarja tal-kumpanija Twin Deal Limited u l-konvenut Bruno Tucci. Dawn gew immarkati bhala Dokument AB u meta raw li l-konsenja ma waslitx huwa cempel lil Bruno Tucci u dan ghax kienu qeghdin jigu pressati hafna minn Microelectronics peress li kellhom zewg *heat exchanges* u zammewhom responsabbli li jekk jinqala’ xi haga kienu ha jidhlu fl-inkwiet.

In segwitu tenna li darba minnhom cempillu li xtaq jikkancella l-ordni u kazwalment qallu li se jikteb lill-kumpanija ta’ barra sabiex jibghatulu l-flus lura. Naturalment ix-xhud ma rahiex f’postha u ghalhekk kiteb barra minn Malta fejn kienu qalulhom illi effettivament Bruno Tucci ma kienx qed jikkoopera maghhom u kienu sejrin jispiccaw il-Qorti dwar din il-pendenza. Ir-risposta taghhom giet fil-15 ta’ Mejju fejn ikkonferma illi Mr Bruno dakinhar tahom persentagg zghir hafna tal-pagament u huma kienu qed isegwuh pero’ m’ghamilx komunika ohra maghhom sakemm ghamel kuntatt maghhom fit-30 ta’ April 2014. Pero’ cio’ nonostante xorta ma semghu xejn. Ghalhekk ix-xhud sostna li sab diffikulta biex jemmen lil Bruno li kien qed jghidlu li huwa ma kienx qed jikkomunika mas-socjeta’ barra minn Malta dwar din l-istess konsenja.

Nel frattemp it-tifel tax-xhud Jason Bezzina, li huwa wkoll direttur tas-socjeta’ attrici, ghamel kuntatt mas-socjeta’ Aretrop u dan ghax kien indaga f’din il-kumpanija u rrizulta li kumbinazzjoni z-zewg heat exchanges li huma rcivew wara xi gimgha jew xi zmien simili fuq zewg pakketti, kien hemm isem tal-kumpanija Aretrop u kien hemm ukoll isem tal-kumpanija Genergia Limited li

hija l-kumpanija ta’ Bruno Tucci u kien ghalhekk li huma spiccaw il-Qorti sabiex jiehdu lura l-flus li huma ghaddew lill-istess kumpanija.

Jinghad ghal kull buon fini li s-socjeta’ konvenuta u l-konvenut ma ressqu l-ebda prova sabiex jikkontestaw dak li gie allegat mis-socjeta’ attrici.

Il-partijiet trattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-21 ta’ Jannar 2015 u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta s-segwenti.

1. Illi Jason Bezzina ghan-nom tas-socjeta’ attrici kien talab lill-konvenut Bruno Tucci sabiex jixtrilu xi magni u appuntu zewg *‘scambiatori di calore’* ghall-klijent tieghu ST Microelectronics.
2. Dan Bruno Tucci fil-fatt kien ta stima lis-socjeta’ attrici dwar il-merkanzija u Jason Bezzina accettaha u ghalhekk in segwitu ghamel l-ordni relattiva.
3. Nhar is-17 ta’ Jannar 2014 is-socjeta’ attrici hallset lill-konvenut Bruno Tucci ghal din l-ordni permezz ta’ cekk li kopja tieghu jinsab esebit fl-atti a fol 3 immarkat bhala Dok. A u dan fl-ammont ta’ ghaxart elef, seba’ mija u sitta u hamsin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€10,756.43).
4. Jidher li s-socjeta’ attrici kienet marbuta li taghmel il-konsenja ta’ dak mixtri minnha lill-klijent taghha fi zmien tliet gimghat.

5. Minkejja dan ghaddew diversi xhur u l-konsenja ma waslitx u dan kif jghid Jason Bezzina fix-xhieda tieghu minkejja diversi komuniki li huwa ghamel mal-konvenut.
6. Skond ix-xhieda ta' Bezzina l-klijent taghhom ukoll beda jipprova jikkomunika mal-konvenut u dan beda jweghdu li l-konsenja kellha tasal fi zmien qasir.
7. Jghid li l-konsenja ma waslet qatt u ghalhekk f'Mejju 2014 huwa avza lill-konvenut li kien ser jikkancella l-ordni ghaliex kien qed jigi pressat mill-klijent u jinzamm responsabbli ghad-danni f'kaz li l-*heat exchangers* tal-kumpanija jieqfu u l-kumpanija ma tkunx tista' topera aktar.
8. Ghalhekk f'Mejju huwa kkancella l-ordni minn mal-konvenut u ghamel ordni diretta mas-socjeta' estera u fi zmien gimgha l-ordni waslet direttament minn barra.
9. Minkejja dan kollu Bezzina jghid li s-socjeta' konvenuta ma rritornatx il-flus u lanqas ma waslitlu l-merkanzija li kien ordna.
10. Bezzina jghid li taht il-labels tal-merkanzija kien hemm isem u kunjom il-konvenut u meta huwa cempel lis-socjeta' estera sabiex jiehu spjegazzjoni ta' dan kollu gie mgharraf li effettivament il-konvenut kien ghamel l-ordni pero' ma kienx baghat il-flus.
11. Illi fil-fatt kif jirrizulta mill-e-mail esebita fl-atti a fol 5 immarkata bhala Dok. C mibghuta mis-socjeta' Techno system li kienet inkarigata sabiex tibghat il-merkanzija lis-socjeta' attrici kkonfermat li l-konvenut Bruno Tucci kien ghamel ordni ta' zewg *scambiatori di calore* fix-xahar ta' Jannar 2014 u hallas depozitu zghir pero' meta huma nfurmawh li x-xoghol kien lest u sabiex jibghat il-bilanc dan baqa' inadempjenti.
12. Jirrizulta li l-komunikazzjoni li giet skambjata bejn Jason Bezzina ghan-nom tas-socjeta' attrici saret ma' Bruno Tucci u dan fuq l-*email address* tas-socjeta' konvenuta u cioe' Bruno@genergialtd.com ghalkemm in-

negozju dejjem sar ma' Bruno Tucci fil-vesti tieghu personali kif del resto gie intestat ic-cekk.

13. Illi l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova sabiex jikkontestaw dak li gie allegat mis-socjeta' attrici fil-konfront taghhom u ghalhekk il-Qorti kelha tisrieh fuq il-provi li ressqet biss is-socjeta' attrici.
14. Fil-fatt il-konvenut Bruno Tucci lanqas xehed sabiex jikkonferma t-tezi tieghu li huwa m'ghandux relazzjoni guridika personalment mas-socjeta' attrici.

Kunsiderazzjonijiet legali.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Legend Real Estate Limited vs Ron Chetcuti'</u>** deciza fl-20 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti ta' l-Appell:

*"f'kaz bhal dan il-konvenut ghandu definittivament u konvincevolment jipprova mhux biss li l-ftehim sar ghas-socjeta' gestita minnu imma wkoll li fil-mument meta sar tali ftehim is-socjeta' konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt illi hu kien qed jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta' tieghu. Dan hu abbundantament pacifiku fil-gurisprudenza taghna."*

*'Hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. ('**<u>Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna'</u>** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 u '**<u>Anthony</u>***

***Caruana et vs John Magro et’*** *deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Ottubru 1999.’*

*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f’dak il-mument illi min jinnegozja mas-socjeta’ attrici kellu jirrileva b’mod car u univiku illi f’dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f’ismu imma f’isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta’ attrici f’dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita’ ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta’ – ‘John Vella noe vs Anthony Vella et’ (Appell 3 ta’ Dicembru 1999).’*

Kif rimarkat fid-decizjoni fl-ismijiet ‘**Joseph Grech vs Domenico Savio sive Savio Spiteri et’** deciza 25 ta’ Mejju 2001, *‘il-prova dokumentarja allura kienet pjenamaent tiggustifika lill-attur meta dan agixxa kontra l-konvenut personalment u din tkompli tigi msahha mill-affermazzjoni guramentata tal-istess attur illi sal-mument meta pprezenta citazzjoni hu ma kienx konsapevoli tal-fatt illi l-konvenut kien qed jiggestixxi n-negozju bl-isem ta’ xi socjeta’. Il-qawwa tal-prova skritta kienet tirrikjedi prova ferm aktar valida biex jigi stabbilit il-kontra ta’ dak li minnha jirrizulta. Certament ma kienx bizzejjed illi l-appellant jafferma dak li kien apparentement maghruf lilu biss u cioe’ l-ezistenza tas-socjeta’ qua gestatrici tan-negozju izda li ma kienx maghruf lil terz fosthom lill-appellant.’*

Japplika ghal dan il-kaz anke din l-osservazzjoni rikapitulata mis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza **Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice** 6 ta’ Ottubru 1999.

*‘Jispetta lil gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta’ kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta’ haddiehor. Certi kazijiet huma ovvju ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero’ wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f’isimha proprju.’*

*Meta dan hu hekk il-kaz dak li ikkontratta f’ismu personali ma jistax susssegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f’isem haddiehor jew f’isem xi entita guridika separata’* ‘**Joseph Chetcuti noe vs Peter Paul Camilleri’** Appell 4 ta’ Dicembru 1988.

Issir referenza ghal dak li gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ‘**Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael**’, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta’ Marzu 2002 fejn intqal li:-

*“Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali ndikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali ndikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni".*

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li effettivament Jason Bezzina ghan-nom tas-socjeta' attrici hareg cekk ghal pagament tal-merkanzija ordnata minnu fl-ammont ta' ghaxart elef, seba' mija u sitta u hamsin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€10,756.43) f'isem Bruno Tucci. Jidher li dan ic-cekk gie wkoll imsarraf minnu. Illi fl-ebda hin ma l-konvenut Bruno Tucci qal li c-cekk kellu johrog f'isem is-socjeta' konvenuta jew li huwa ma kellux x'jaqsam ma' din l-ordni li saret mieghu. Anke mill-korrispondenza estera jidher li kien il-konvenut Bruno Tucci li ghamel l-ordni. In vena ta' dak li gie rapportat aktar 'il fuq il-konvenut Bruno Tucci kellu jinforma lis-socjeta' attrici li kien qed jinnegozja f'isem socjeta' u mhux f'ismu personali. Illi ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti mhix qed tilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta li l-konvenut de proprio mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk mhux qieghda tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Fit-tieni lok is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi li l-azzjoni hija improponibbli stante li ma jezistux l-elementi tal-*actio indebiti solutio.* Il-ligi taghti l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq mhux biss meta kull ma thallas ma kienx hlas misthoqq, izda wkoll meta ghalkemm xi hlas ikun misthoqq, ikun thallas izzejjed milli kien misthoqq, u jekk jigri hekk min thallas jista' jfittex ghar-radd taz-zejjed imhallas. Biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista' jintalab bil-jedd,

jehtieg li dak il-hlas ikun sar bi zball u dan l-izball kien di fatto, l-izball 'di diritto' ma jservix biex jintalab bil-jedd dak l-imradd.

L-istitut ta' *indebiti solutio* huwa ntiz sabiex il-parti li tkun hallset indebitament dak li in verita' ma jkunx dovut minnha, tkun tista' tirkupra dak li hija hallset lura, u b'hekk tigi re-integrata fil-posizzjoni taghha kif kienet qabel ma sar tali hlas, hlief fil-kaz ta' malafede ta' min ikun ircieva dak l-indebitu, fejn ikunu jridu jsiru hlasijiet ulterjuri skond il-ligi.

Huwa ghalhekk gust u ovvju li sabiex tirnexxi din l-azzjoni d-debitur ma jridx ikun gja gie kkumpensat b'mod iehor, jew diga' rcieva l-ammont minnu mhallas b'mod iehor, ghaliex allura jekk jerga' jithallas mill-kreditur, huwa ma jkunx ircieva rifuzjoni ta' dak li huwa hallas, izda jkun qed jaghmel profitt ghaliex jircievi d-doppju tal-ammont li huwa hallas. Azzjoni ta' hlas indebitu ma hijiex intiza sabiex parti tipprofitta ruhha minnha, izda sabiex il-parti tigi re-integrata fil-posizzjoni precedenti ghall-allegat zball.

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ‘**The Margarine Import Co. Ltd. vs Kontrollur tad-Dwana’** deciza fit-3 ta’ Ottubru 2003 mill-Qorti tal-Appelli Sede Inferjuri fejn inghad li:

*“Huwa innegabbli bhala materja ta’ dritt illi “kull hlas jissopponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista’ jintalab lura” [Artikolu 1147 (1), Kodici Civili]. Izda biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista’ jintalab lura jehtieg li dak il-hlas ikun sar bi zball (“**Romeo Fleri –vs- John B. Mifsud et**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 24 ta’ Novembru 1948 a Vol. XXXIII P II p 332). “Il-pagament hu maghmul bi zball meta jsir fl-opinjoni zbaljata li tkun qieghda tigi ezegwita obligazzjoni,*

*minghajr distinzjoni bejn zball ta' fatt u zball ta' dritt, sakemm l-izball ta' dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghall-obbligazzjoni naturali" – "**Maria Grech –vs- Filippo Abela**", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' April 1961;*

Ghal dak li jikkoncerna l-element ta' l-izball, il-gurisprudenza taghna u appuntu fis-sentenza fl-ismijiet '**Maria Galea vs Grace Borg'** deciza fit-12 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appelli Sede Inferjuri, filwaqt li tosserva d-distinzjoni illi fil-kaz ta' l-*accipiens* il-hlas irid ikun ricevut minnu *"sew xjentement jew bi zball" (***Artikolu 1021***),* fil-kaz *tas-solvens* li jkun hallas jibbasta l-izball. Zball dan li skond is-sentenza a ***Vol. XXXIII P II p 332****, "irid ikun zball ta' fatt, u mhux ta' dritt jew injoranza tal-ligi*", mentri invece, skond is-sentenza precitata a ***Vol. XLV P III p 782****, "minghajr distinzjoni bejn zball ta' fatt u zball ta' dritt, sakemm l-izball ta' dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghall-obbligazzjoni naturali";*

Illi fil-kaz in desamina s-socjeta' attrici kienet hallset lill-konvenut Bruno Tucci l-ammont kollu mitlub fir-rikros promotur ghaliex il-konvenut kien obbliga ruhu li jaghmel ordni ta' zewg '*scambiatori di calore'* ghas-socjeta' attrici u kien ircieva l-hlas ghalihom. Pero' mill-provi jidher car li l-konvenut zamm il-flus ghalih u ghalkemm seta' ghamel l-ordni, fil-fatt ma segwihiex u kien ghalhekk li l-konsenja ma waslitx skond l-ordni tieghu. F'dan il-kaz huwa minnu li s-socjeta' attrici ghamlet ordni gdida ghall-istess oggett pero' regghet hallset mill-gdid u ghalhekk dan mhux kaz ta' 'unjustified enrichment' ghaliex ghal flus li hallset lill-konvenut ma rceviet xejn. Konsegwentement din l-eccezzjoni qieghda tigi wkoll michuda. In vista ta' dak li gie deciz fir-rigward tat-tielet eccezzjoni, din il-Qorti ma thossx il-htiega li tikkummenta ulterjorment dwar

dak li gie eccepit fir-raba' eccezzjoni u dan ghaliex it-talba tas-socjeta' attrici li tkun rimborsata ghall-flejjes li gja harget f'isem il-konvenut hija abbazi tal-**Artikolu 1147 (1)** tal-Kodici Civili li jddisponi s-segwenti:- "*Kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista' jintalab lura*";

Dwar il-hames eccezzjoni jinghad li l-bejgh bejn il-partijiet kien wiehed perfett validu u valjenti u dan ghaliex kif stqarr l-avukat difensur tal-konvenuti kien hemm ftehim bejn il-kontendenti dwar il-merkanzija li kellha tigi mibghuta lis-socjeta' attrici, kien hemm ftehim dwar il-prezz liema prezz tant gie accettat li thallas ukoll u ghalhekk il-bejgh kien komplut.

Hawnhekk proprju issir referenza ghall-**Artikolu *1347* tal-Kodici Civili** li jiddisponi s-segwenti:

*"Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta` tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej."*

*Fil-kawza* '**Cranes & Commercial Sales Ltd v. Micallef'**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Novembru 2003, intqal hekk a propozitu ta' dan l-Artikolu u fil-kuntest ta' bejgh ta' vettura:

*"Dan ifisser illi la darba l-kontendenti ftehmu fuq il-vettura u fuq il-prezz, anke kieku stess il-vettura kienet ghadha ma gietx konsenjata lill-konvenut, u dan kien ghadu ma hallasx il-prezz tal-bejgh, minn dak il-hin li sar il-ftehim, il-vettura ghaddiet fil-proprjeta` tal-konvenut u ghar-riskju tieghu. Il-bejgh ghalhekk jista' jitqies perfezzjonat. Ara* ***Vol. XXXIII P I p 670*** *u* ***Vol. XXXVII P II p 632****;*

*"In effetti, kif osservat, "la vendita commerciale, come la vendita civile e` perfetta, appena si conviene sulla cosa e sul prezzo e la proprieta` della cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendita` ... e*

*pertanto la merce e` a rischio del compratore appena questi ne diviene proprietario." (****Vol. XX P III p 29****);"*

Illi ghalhekk l-avukat difensur tal-konvenuti ghandu ragun jghid li fil-kaz in ezami l-bejgh kien perfett validu u veljanti pero' ma kull transazzjoni jitwieldu obbligi u l-bejjiegh ghandu diversi obbligi fil-kuntratt tal-bejgh fosthom dak tal-konsenja tal-oggett.

Skond l-**Artikolu 1385 tal-Kodici Civili**:-

*"Jekk il-bejjiegh jonqos li jaghmel il-kunsinna, fiz-zmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jaghzel hu, jew li l-kuntratt jigi mahlul, jew li huwa jigi mqieghed fil-pussess tal-haga mibjugha, izda dan kemm-il darba d-dewmien ikun gie kkagunat mill-bejjiegh biss*".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car skond ma' stqarr Jason Bezzina fix-xhieda tieghu a fol. 38 li l-konvenuti kienu ntrabtu li jaghmlu l-konsenja tal-merkanzija ordnata minnu fi zmien gimghatejn jew tlett gimghat minn meta ssir l-ordni u ghalhekk stante li l-ordni saret nhar is-17 ta' Jannar 2014, il-konsenja kellha ssir sa mhux aktar tard mis-7 ta' Frar 2014 kif del resto anke jirrizulta mill-email datata 21 ta' April 2014 esebita fl-atti a fol 69. Jidher ghalhekk li sa dakinhar u cioe' tlett xhur wara, il-bejjiegh konvenut kien ghadu ma kkonsenjax il-merkanzija lis-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici ddecidiet li tikkancella l-ordni taghha u tinhall mill-ordni kif kellha kull dritt taghmel in linea ma' dak suespost permezz ta' email datata 28 ta' April 2014 esebita fl-atti a fol. 68 tal-process. Konsegwentement is-socjeta' kellha kull dritt li tinhall minn din l-ordni u tikkancella l-istess u tordna l-istess merkanzija minghand terz u titlob ir-rifuzjoni tal-flus imhallsa gja minnha.

Dwar il-hames eccezzjoni l-konvenuti qed jghidu li s-socjeta' attrici llum gia hadet il-pussess tal-merkanzija mibjguha lilha mis-socjeta' Genergia Limited. Illi dwar dan ma jirrizultax li huwa minnu ghaliex bhala fatt jirrizulta li s-socjeta' attrici hadet pussess ta' zewg *scambiatori di calore* ordnati direttament minnha u konsenjati lilha mis-socjeta' estera Techno System u mhux minnu ghalhekk illi hija ghandha fil-pussess taghha xi merkanzija li giet mibghuta lilha mis-socjeta' Genergia Limited. Il-merkanzija li hija ghandha fil-pussess taghha giet imhallsa direttament minnha lis-socjeta' estera tramite s-socjeta' lokali Aretrop Limited.

Konsegwentement din il-Qorti tara li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tichad l-ecezzjonijiet kollha tal-konvenuti, qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidum jirrifondu lis-socjeta' attrici dik is-somma mitluba minnha fir-rikors promotur fl-ammont ta' ghaxart elef, seba' mija u sitta u hamsin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€10,756.43).**

**Bl-ispejjez u bl-imghax mis-sbatax (17) ta' Jannar 2014 kontra l-konvenuti.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------